MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Mandat Numru. 1760/2009/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1760/09 fl-ismijiet:

Grace **BORĠ** kemm f'isimha personali kif ukoll għan-nom u interess ta' l-*Assoċjazzjoni Kantanti Kompożituri Artisti Mużiċisti*

vs

**MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI, KULTURA, ŻGĦAŻAGĦ U SPORT**
u l-Public Broadcasting Services Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ottubru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti *proprio* u *nomine* talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli "jgħalqu jew jikkonkludu l-proċess ta' sottomissjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-Malta Euro Song Festival meta hemm kundizzjonijiet li ma jippermettux lil persuni li ma humiex ta' nazzjonalita' jew ċittadinanza Maltija jew ċittadinanza doppja fejn almenu waħda tkun Maltija li jikkonkorru";

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2009, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-3 ta' Novembru, 2009, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi, fl-ewwel lok, qalu li l-Ministeru m'għandux postu f'din il-proċedura billi ma huwa bl-ebda mod imdaħħal fir-regolamenti li minnhom tilminta r-rikorrenti. B'mod preliminari wkoll, laqgħu billi qalu li jonqos fir-rikorrenti l-interess li tressaq din il-proċedura għaliex la hija kantanta u lanqas kompożitriċi u qatt ma ħadet sehem fil-*Eurovision Song Contest*. Jgħidu li lanqas ma għandha interess f'isem l-Assoċjazzjoni rikorrenti (AKKAM), u f'kull każ ma ntweriex x'rabta hemm bejn dik l-Assoċjazzjoni u t-talba għall-ħruġ tal-Mandat u kif ukoll x'inhu r-rwol tar-rikorrenti fi ħdan l-istess assoċjazzjoni. Bl-istess mod preliminari, jilqgħu billi jgħidu li l-assoċjazzjoni m'għandhiex personalita' ġuridika distinta mill-membri tagħha u għalhekk ma tistax tipproponi din l-azzjoni, filwaqt li r-rikorrenti ma wrietx li sejra ġġarrab preġudizzju jekk

il-Mandat ma jinħariġx kif talbet. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li safejn it-talba tar-rikorrenti tinbena fuq l-allegat ksur tal-artikolu 39 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropeja u tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 38 tal-2004EC (kif trasposta fil-liġi nazzjonali bl-Avviż Legali 205 tal-2004[1]), l-ebda ħaġa fir-regolamenti tal-konkors ma jiksru xi waħda minn dawk id-dispożizzjonijiet u dan għaliex il-Konkors "*Malta Euro Song 2010*" jitnieda fuq regolamenti mfasslin mill-European Broadcasting Union (EBU) li tħaddan fost il-membri tagħha Stati li m'humiex fl-Unjoni Ewropeja, u għalhekk ma jgħoddux għall-konkors, kif lanqas jgħoddu għall-*Eurovision Song Contest*, in-normi ta' dritt komunitarju. Żiedu jgħidu li l-konkors huwa rappreżentativ ta' l-pajjiż parteċipant u għalhekk ma jagħmilx sens li kanzunetta tinkiteb jew titkanta minn persuna jew grupp li ma jkunx minn dak il-pajjiż. Fl-aħħarnett, l-intimati talbu li r-rikorrenti tagħmel tajjeb b'garanzija xierqa għad-danni li sejrin isofru minħabba din il-proċedura;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Novembru, 2009[2], li bih u fuq talba magħmula b'rikors imressaq mill-kumpannija intimata (PBS) fil-5 ta' Novembru, 2009, ġabet 'il quddiem is-smigħ tar-Rikors għall-10 ta' Novembru, 2009;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti waqt is-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2009[3], fis-sens li kienet qiegħda tiċċara li t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat tirrigwarda biss lil dawk il-kompożituri u awturi illi għandhom iċ-ċittadinanza ta' Membru msieħeb fl-Unjoni Ewropeja u mhux għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2009, li bih u minħabba li l-avukat tar-rikorrenti ma setax jidher għas-smigħ dak inhar li ssejjaħ ir-Rikors, ħalliet l-istess għat-trattazzjoni għas-smigħ tat-13 ta' Novembru, 2009;

[1] L.S. 217.04
[2] Paġ. 109 tal-atti
[3] Paġ. 163 tal-atti

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta’ Novembru, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvedimenti kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrenti trid li jinżamm milli jingħalaq il-proċess ta’ għażla mniedi mill-PBS fil-konkors (imsejjaħ “*Malta Eurosong 2010*”) maħsub li jinżamm matul Frar tal-2010 għall-għażla ta’ kanzunetta biex tirrappreżenta lil Malta fil-*Eurovision Song Contest* li għandu jinżamm fin-Norveġja f’Mejju tal-2010;

Tqis li r-regolamenti għall-Malta Eurosong 2010 tfasslu mill-intimata PBS li hija wkoll l-organiżżatriċi tal-imsemmi festival[4]. PBS hija msieħba fl-EBU li tniedi l-*Eurovision Song Contest*, iżda t-tfassil tar-regolamenti ta’ konkors ta’ għażla nazzjonali huwa mħolli fis-setgħa u d-diskrezzjoni tax-xandara parteċipanti (*participating broadcasters*)[5];

[4] Dok “A”, f’paġġ. 5 sa 12 tal-atti
[5] Dok “X”, f’paġġ. 114 sa 156 tal-atti

Tqis li r-regolamenti tal-EBU ma jipprovdu l-ebda regola dwar in-nazzjonalita' tal-kantanti li jirrappreżentaw lil xi pajjiż u lanqas dwar in-nazjonalita' tal-awturi jew il-kompożituri tal-kanzonetti konkorrenti fil-konkorsi nazzjonali tal-għażla;

Tqis li l-EBU tħaddan fiha kemm membri msieħba li m'humiex Stati Membri fl-Unjoni Ewropeja u kif ukoll Stati Membri fl-Unjoni Ewropeja. Is-sedi ewlienija tal-EBU tinsab f'pajjiż mhux imsieħeb fl-Unjoni Ewropeja;

Tqis li, f'xi snin, l-organiżżaturi tal-konkors lokali kienu jippermettu s-sehem ta' awturi jew kompożituri li ma kinux Maltin, iżda fuq bażi ta' ftehim ta' reċiproċita' mal-pajjiżi tal-istess awturi jew kompożituri, li kienu jħallu awturi jew kompożituri Maltin jieħdu sehem fil-konkorsi tagħhom;

Tqis li għall-konkors tal-Malta Eurosong 2010, waħda mill-kundizzjonijiet magħmula mill-intimata PBS hija li "*Artists, composers and authors must be of Maltese nationality OR holding DUAL citizenship, one of which Maltese*";

Tqis li l-ilment tar-rikorrenti jikkonsisti fil-fatt li l-imsemmija kundizzjoni tikser wieħed mill-prinċipji fundamentali tad-Dritt Ewropew dwar il-Liberta' ta' Moviment tal-Ħaddiema fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja. Hija ssemmi espressament li l-jedd invokat jitnissel bis-saħħa tal-artikolu 39 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropeja (Verżjoni Konsolidata)[6]. Hija tindika wkoll ksur tar-Regolament 7 tal-Avviż Legali 205 tal-2004;

Tqis li, bid-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti waqt is-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2009, l-ilment huwa limitat għal dak li jirrigwarda biss lill-awturi jew kompożituri li huma ċittadini ta' Stat Imsieħeb fl-Unjoni Ewropeja u mhux għar-rigward ta' kantanti (artisti) ċittadini ta' Stat

[6] Ġ.U. Ċ 321E (29.12.2006)

Imsieħeb fl-imsemmija Unjoni jew għal artisti, awturi jew kompożituri li huma ċittadini ta' Stati li m'humiex imsieħba fl-Unjoni;

Tqis li r-rikorrenti hija ċittadina Maltija u għalhekk ma jista' jingħad bl-ebda mod li, fil-kwalita' tagħha personali, l-imsemmija kundizzjoni tolqotha ħażin, ukoll kieku kellha tagħżel li tikkonkorri bħala artista, awtriċi jew kompożitriċi. Għalhekk, jonqos fir-rikorrenti *proprio* l-interess ġuridiku meħtieġ biex tressaq it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[7];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[8]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-

[7] Art. 873(1) tal-Kap 12
[8] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[9];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[10]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż jew ir-rimedju għalih ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[11], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[12] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

---

[9] Art. 875(3) tal-Kap 12
[10] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[11] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[12] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis li fil-każ tar-rikorrenti *nomine* (u dan lil hinn minn kwestjonijiet ta' rappreżentanza tagħha tal-AKKAM) il-jedd *prima facie* li hija ssemmi espressament bħala raġuni għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak imħares fl-artikolu 39 tat-Trattat fuq imsemmi. Il-prinċipju tan-non diskriminazzjoni mħaddem f'dak l-artikolu jgħodd kemm dwar korpi regolati mid-dritt pubbliku u kif ukoll minn dawk li m'humiex hekk regolati[13]. It-terminu "impjegat" huwa mogħti tifsira ta' rabta kuntrattwali subordinata għad-direzzjoni u l-kontroll ta' min iħaddem;

Tqis madankollu, li huwa stabilit fil-ġurisprudenza komunitarja li l-imsemmi artikolu 39 jgħodd għal ħaddiema li jaħdmu taħt kuntratt ta' mpieg u mhux għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom (li għalihom jgħoddu dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat)[14];

Tqis li ma ntweriex li mqar waħda mill-persuni (mhux kollha identifikati) li għalihom l-AKKAM qiegħda tressaq din il-proċedura huma f'rabta kuntrattwali ta' mpieg subordinat magħha kif imfisser hawn fuq. Mix-xhieda tar-rikorrenti nnifisha, kollha tista' tgħid li jaħdmu għal rashom. Dan ifisser li r-rikorrenti *nomine* ma tistax tistrieħ fuq jedd *prima facie* taħt l-imsemmi artikolu 39 tat-Trattat biex tattakka l-kundizzjoni impunjata magħmula minn PBS dwar is-sehem biss ta' artisti, awturi jew kompożituri Maltin għall-konkors Malta Eurosong 2010, safejn it-talba tagħha ma tirrigwardax ħaddiema taħt kuntratt ta' impieg;

Tqis li ma jidhirx lanqas li l-kundizzjoni impunjata, bi ksur tar-regolament 7 tal-Avviż Legali 205 tal-2004, iżżomm lil xi awtur jew kompożitur ta' ċittadinanza ta' Stat Imsieħeb fl-Unjoni Ewropeja milli jidħol jgħix f'Malta biex jagħti s-servizzi tiegħu b'mod ieħor. Ma ntweriex ċar mir-rikorrenti jekk it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat tgħoddx ukoll għal dawk l-awturi jew kompożituri ċittadini ta' Stat Imsieħeb ieħor tal-Unjoni li ma jgħixux jew ma jixtiqux jistabilixxu rwieħhom f'Malta iżda li jixtiequ li jressqu xogħol tagħhom fil-konkors tal-Malta Eurosong 2010, f'liema każ

[13] QĠE (il-5[es] Awla) **17.7.2008** fl-atti tar-Riferenza Preliminari fl-ismijiet ***Raccanelli vs Max-Planck-Gesellschaft*** (C-94/07) §§ 41– 3

[14] QĠE (l-1[el] Awla) **15.12.2005** fil-każ ***Claude Nadin et*** (C-151/04) §§ 30 – 1

ma jgħoddux id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Avviż Legali. F’dan ir-rigward, għalhekk, ma joħroġx *prima facie* ksur tal-imsemmija Regolamenti;

Tqis ukoll li, f’kull każ, il-ħsara li r-rikorrenti *nomine* (fil-kwalita’ tagħha ta’ aġent tal-membri tal-AKKAM) tista’ ġġarrab jekk kemm-il darba ma tintlaqax it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat hija waħda li dwarha hi tista’ tikseb rimedju ieħor fis-sura ta’ danni jew risarċiment pekunjarju u għalhekk il-ħruġ tal-Mandat m’huwiex meħtieġ bħala rimedju li mingħajru l-preġudizzju tar-rikorrent ma jistax jissewwa;

Tqis li t-talba tar-rikorrenti *nomine* hija mfassla b’mod li tobbliga lil PBS biex tagħmel xi ħaġa li ma kienx fi ħsiebha tagħmel, u dan billi żżommha milli tilqa’ biss applikazzjonijiet minn persuni b’ċittadinanza Maltija jew ċittadinanza doppja li waħda minnhom hija Maltija, u “ġġiegħelha” tilqa’ applikazzjonijiet ta’ persuni oħrajn ta’ nazzjonalita’ oħra, imqar jekk ikunu ċittadini ta’ Stat fl-Unjoni Ewropeja. Il-Qorti tqis talba bħal din bħala waħda li tagħti lok għal *specific performance*[15]. Talba bħal din ma ssibx postha fi proċedura għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ inibizzjoni, li ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni *di non fare*[16];

Tqis għalhekk, li f’dan il-każ ma ntweriex li jeżistu l-elementi meħtieġa maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat u m’hemmx għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ l-ilmenti l-oħrajn proċedurali tal-intimati;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi ma jirriżultawx ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ħruġ tiegħu,

[15] Ara Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[16] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

u tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2009, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------